# IL-ĦARSA TA' RUŻANN

FRANCIS EBEJER



## KAPITLI 2 u 3

**Imħejjija minn Phyllis Debono, Bertram Portelli u Maria Abela**

Is-Seminarju tal-Virtù

# IL-ĦARSA TA' RUŻANN

FRANCIS EBEJER



## IS-SIĠRA TAL-FAMILJA

# L-arblu tar-razza ta' Mark-Antonin

| | |
|---|---|
| **1849**<br>Ir-rivoluzzjonijiet ta' l-1848-9 ġewwa Franza, l-Awstrija, il-Ġermanja, Praga, l-Ungerija, u l-Italja | Familja raħlija minn Ħad-Dingli → Rużann<br>Il-Baruni – Prodott ta' nobbiltà dekadenti → Mark-Antonin + ħuh |
| **1874**<br>Ewropa ġdida.<br>L-unifikazzjoni tal-Ġermanja u ta' l-Italja | Karmenu<br>Lurenz – Missierha kien ibigħ il-pastizzi fl-Imdina |
| **1900**<br>Il-ġlieda tal-Buweri u l-emanċipazzjoni tan-nisa | Wenzu – Sid ta' bar<br>Marija + 8 ħutha – Bdiet bħala serva tal-baruni (ħu Mark-Antonin) |
| **1916-1919**<br>L-Ewwel Gwerra Dinjija u s-*Sette Giugno* | Pietru – Għalliem |
| **1940**<br>It-Tieni Gwerra Dinjija | Ir-raġel tagħha miet żgħir<br>Ġina |
| **1974**<br>Malta Repubblika | Il-ġuvni tagħha — inġinier f'fabbrika<br>Luċija – Tistudja għal tabiba |

# IL-ĦARSA TA’ RUŻANN

FRANCIS EBEJER



## KAPITLU 2 – Leħħa ta’ ħarsitha

## IL-ĦARSA F’GĦAJNEJN MARIJA

# Il-Plott

**Fejn?**
***Fil-ħanut tal-inbid ta' Wenzu f'Ħad-Dingli***

**Meta?**
***F'lejla tas-sajf tal-1900***

Grupp Deċiżi

# Il-ġrajja

- **Fil-ħanut ta' Wenzu tqum id-diskussjoni fuq il-gwerra tal-Buweri.**
- **Marija toħroġ targumenta u tipprova twaqqafhom**
- **Jidhrilha li dawn m'għandhomx x'jaqsmu magħna u li l-Maltin aktar imisshom moħħhom fuq il-qagħda ta' pajjiżhom u kif se jibdluha.**
- **Marija tara l-futur f'uliedha, speċjalment f'Pietru u trid tedukah akkost ta' kollox.**

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Marija

- Il-bint il-kbira ta' Lurenz u Karmenu. Rużann tiġi n-nanna tagħha.
- Għamlet żmien taħdem bħala seftura fil-palazz ta' Los Ingallos mal-Baruni ż-Żgħir.
- Ħadet grazzja ma' Wenzu, Dingli bħalha, li kien jiġi jbigħ il-ħaxix viċin il-palazz u spiċċaw biex iżżewġu, minkejja l-oppożizzjoni li sabu.
- Meta żżewġet bdiet tgħin lil żewġha fix-xogħol tal-ħanut.

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Marija

- Fl-imħabba ta' bejn Marija u Wenzu, Ebejer juri l-valuri tipiċi tal-Maltin (l-għożża, l-għaqal u r-rispett)

- Marija u Wenzu kellhom tmien ulied. Wieħed minnhom kien Pietru, li fiż-żmien ta' din il-parti tar-rakkont, kellu madwar seba' snin.

- Marija hija persuna ta' karattru sod u hija determinata li tasal fejn trid.

- Hija aggressiva fi kliemha u f'għemilha (heddet lil żewġha li jekk ma jsikkitx lill-klijenti, kienet se ssawwathom bl-ixkupa u qabdet lis-sagristan minn sidru u tefgħetu 'l barra b'daqqa ta' sieq).

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Marija

- Marija tikkmanda lil żewġha biex jagħmel xi ħaġa għall-ġid tal-familja tagħha meta tara xi theddid. Hija għandha mħabba u dedikazzjoni kbira lejn familtha.

- Marija hija aktar matura minn żewġha u taf x'inhuma l-prijoritajiet għall-familja tagħha.

- Lesta tagħmel is-sagrifiċċji għall-familja tagħha.

- Trid li Pietru jkollu edukazzjoni tajba.

- Għandha l-viżjoni li tara lil Malta indipendenti u li tara lill-Maltin kapaċi jżommu fuq saqajhom ekonomikament.

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Wenzu

- Ir-raġel ta' Marija. Wenzu u Marija żżewġu ta' età żgħira.
- Huwa u Marija batew biex iżżewġu lil xulxin.
- Kien fetaħ ħanut tax-xorb biex jaqla' l-għajxien għall-familja. Wara li kien stinka sew fil-ħanut, fl-aħħar kien irnexxielu jixtri biċċa art fil-Buskett.
- Jagħmel ħiltu biex jidher li huwa r-raġel (dak li jikkmanda), iżda Marija tkun dominanti u determinata aktar minnu.

Grupp Deċiżi

# Sfond storiku

**IL-ĠLIEDA BEJN L-INGLIŻI U L-BUWERI**

- **It-tieni ġlieda li seħħet bejn l-1899 u l-1902**

- **Il-Buweri kienu ġejjin minn żewġ repubbliki ta' oriġini Olandiża fl-Afrika t'Isfel.**

- **F'din il-Gwerra, l-Ingliżi użaw il-kampijiet ta' konċentrament biex jikkontrollaw il-Buweri sakemm fl-aħħar dawn spiċċaw kolonja Ingliża.**

- **La l-Buweri (li kienu l-kolonizzaturi qabel l-Ingliżi) u lanqas l-Ingliżi stess ma rrikonoxxew li l-popolazzjoni indiġena Afrikana kellha aktar dritt għal artha stess!**

Grupp Deċiżi

# Sfond storiku

**IL-ĠLIEDA BEJN L-INGLIŻI U L-BUWERI**

- **Meta l-Boeri ċedew, ħafna minnhom xorta baqgħu jiffurmaw parti mit-tmexxija.**

- **L-ironija f'din is-sitwazzjoni hi li l-Maltin mhumiex jikkundannaw l-inġustizzji li twettqu kontra l-poplu indiġenu, meta huma stess għandhom esperjenza biżżejjed tal-kolonjaliżmu!**



Grupp Deċiżi

Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela


IL-ĦARSA TA' RUŻANN
FRANCIS EBEJER
KAPITLU 3 – Leħħa ta' ħarsitha
IL-ĦARSA F'GĦAJNEJN PIETRU

# Il-Plott

**Fejn?**
**Fil-Port il-Kbir; F'ħanut tal-kafè fi Triq il-Merkanti l-Belt; Fid-dar ta' Pietru u Salvina**

**Meta?**
**Mix-xitwa tal-1916 sal-1919 (madwar 15-il sena wara t-tmiem tal-kapitlu ta' qabel)**

Grupp Deċiżi

# Il-ġrajja

- **Isseħħ fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija li kien żmien ikrah ħafna.**
- **Deskrizzjoni tal-vapur mimli feruti.**
- **Pietru jiżżewweġ lil Salvina, għalliema u jkollhom żewġt itfal.**
- **Iseħħu l-irvellijiet tas-Sette Giugno.**
- **Binthom Ġina tiret il-ħarsa ta' missierha**
- **Kienet tħobb tpinġi u pinġiet mara li rat fuq l-irdum u li kien jisimha Rużann.**

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Pietru

- Iben Marija u Wenzu u t-tielet eredi tal-ħarsa ta' Rużann.
- Pietru wiret mingħand Rużann, Karmenu u Marija, id-determinazzjoni. Din il-kwalità tidher l-aktar fil-mument meta Pietru daħħalha f'moħħu li Salvina kellha tkun martu: ***"Dik se tkun marti, issa tara,".***
- Kien ra lil Salvina għall-ewwel darba, meta kien għad kellu erbatax-il sena.
- L-edukazzjoni li rċieva wasslitu biex jikseb u jibda jipprattika professjoni – dik ta' għalliem.

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Pietru

- Pietru ltaqa’ ma’ Salvina, il-maħbuba tiegħu waqt konferenza għall-għalliema tal-gvern.
- Qabel iżżewweġ kien jgħix Ħad-Dingli ma’ ommu (Marija), missieru (Wenzu) u ħutu.
- Iżżewweġ lil Salvina u kellhom żewġ ulied. Bintu l-kbira, l-eredi tal-ħarsa ta’ Rużann kien jisimha Ġina.
- Pietru jenfasizza l-importanza tal-istudju.

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Pietru

- Pietru għandu karattru tolleranti li jirrispetta u jagħder lil min ma jaqbilx mal-fehmiet tiegħu. Salvina tgħidlu: ***"...int taf tagħdru lil dak li jkun. Ħaġa li qiegħda f'demmek."***

- Pietru għandu wkoll karattru moderat u dan jidher l-aktar fid-diskors tiegħu li fih juri x-xewqa tiegħu għal bilanċ bejn il-valuri tradizzjonali li wiret il-poplu Malti minn dawk ta' qablu (l-aktar il-bżulija, l-onestà u l-għaqal) u l-ideat ġodda għal żmienu.

Grupp Deċiżi

# Il-Karattri

## Salvina

- Mart Pietru. Iltaqgħet għall-ewwel darba miegħu waqt ħarġa ma' tal-iskola meta kien għad kellha erbatax-il sena. Reġgħet iltaqgħet miegħu waqt konferenza għall-għalliema tal-istat u eventwalment iżżewġitu.

- Ommha Marta kienet romlot kmieni u kienet rabbiet liż-żewġ uliedha bil-ftit li kien ikollha. Madankollu dejjem ħadet ħsieb li tnissel fihom l-aħjar valuri permezz tal-għaqal u l-eżempju

Grupp Deċiżi

# Sfond storiku

## L-EWWEL GWERRA DINJIJA

- Matul il-Gwerra, Malta ma ratx ġlied, iżda l-Gwerra xorta ħalliet l-effetti tagħha fuq pajjiżna:

1. **POŻITTIV -** Bħala bażi navali, f'Malta kien hawn il-kummerċ – iktar xogħol għall-Maltin u l-ekonomija mxiet 'il quddiem.

2. **NEGATTIV** – L-Ingliżi bdew jibagħtu f'Malta l-morda u l-feruti tagħhom u tal-alleati tagħhom mill-ġlieda li kellhom f'Gallipoli.



Grupp Deċiżi

# Sfond storiku

## IS-SETTE GIUGNO

- Wara l-Gwerra, f'Malta naqas ix-xogħol, żdied il-qgħad u għola l-prezz tal-ħobż bi tliet darbiet.

- Waqt laqgħa tal-Assemblea Nazzjonali Maltija, nhar is-7 ta' Ġunju tal-1919, grupp ta' dimostranti daħlu l-Belt jgħajtu "Viva la Patria!". Inqalgħu rewwixti u ġew attakkati diversi binjiet.

- Biex tinżamm l-ordni ssejjaħ stakkament militari Ingliż u s-suldati ġew issuttati bil-ġebel u l-fliexken. Bħala riżultat, is-suldati fetħu n-nar fuq il-folla u mietu tliet Maltin dak il-ħin u ġimgħa wara, ieħor li kien safa ferut.



Grupp Deċiżi




# TEMI

# It-tema tal-kontinwità
## … metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

- **MARIJA, it-tifla ta' bin Rużann, Karmenu, hija t-tieni werrieta tal-ħarsa ta' Rużann.**

**"Marija b'dawk għajnejha jagħtu xi ftit fl-ikħal…"**

- **Fil-kapitlu li jitkellem dwar Marija, kemm-il darba niltaqgħu mal-ħarsa ta' Rużann li qiegħda tħares minn għajnejn Pietru u Marija.**

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità
## … metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

© Grupp Deċiżi

**"Fil-ħarsa kaħlija ta' Marija kien hemm għajnejn l-oħra, iħarsu huma wkoll, jitbissmu jaraw u jiflu l-fjur-xempju tal-emanċipazzjoni tal-irġiel! U tbissmu aktar għax dawk l-għajnejn kienu jafu sew xi mħabba u rispett kien hemm bejn Marija, bint Karmenu l-għażiż tagħha, u żewġha Wenzu, u b'liema għaqal it-tnejn kienu qegħdin irabbuha l-familja tagħhom, u b'hekk iseddqu dik l-imħabba kbira ta' darba, dik tal-bidu nett…"**

Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela

# It-tema tal-kontinwità
## … metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

- **F'parti miktuba bil-korsiv, l-awtur jerġa' jeħodna għall-ġrajja ta' Rużann u Mark Antonin f'xena fil-kampanja u hawn tidher b'mod mill-aktar ċar it-tema tal-kontinwità, fejn Karmenu jidher li qed jissimbolizza l-potenzjal tal-poplu Malti.**

- **PARALLELLIŻMU**

**- Tarbija fil-ġuf li qed tifforma u ġġib fis-seħħ il-potenzjal tagħha.**

**- Il-poplu Malti li qed jifforma ruħu u bl-emanċipazzjoni qed iġib fis-seħħ il-potenzjal tiegħu**

**(ara *Bejn Ħaltejn*, pġ 99, par. 2-3)**

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità
## ... metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

- **PIETRU, it-tifel ta' Marija, huwa t-tielet werriet tal-ħarsa ta' Rużann.**

**"Pietru refa' għajnejh, u magħhom għajnejn Rużann, u ż-żewġ pari għajnejn qalu "iva" (pġ. 102)**

**"U għajnejn Rużann f'għajnejn Pietru tgħammxu bil-ferħ" (pġ. 108)**

**"U dakinhar aktar tard, Pietru sab ruħu jifli wiċċu fil-mera u ra l-ikħal ċar ta' għajnejh u fela aktar fit-tul, qisu ried jinfed għal ġo fihom u warajhom, u ħin minnhom bħal ħassu jitlef kull sens ta' realtà, u bl-għaġeb kbir li qabdu stħajlu qiegħed fuq l-irdum tal-Madliena ta' Ħad-Dingli..." (pġ. 113)**

Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità
## ... metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

- L-ewwel laqgħa ta' Pietru ma' Salvina hija mħarsa minn għajnejn Rużann.

"Pietru sab ruħu jiċċassa lejha (lejn Salvina) – għax hekk riditu jagħmel Rużann." (pġ. 107)

**Aktar tard:**
**"Għajnejn Rużann f'għajnejn Pietru tgħammxu bil-ferħ" (pġ 108)**

**Salvina tara xebh kbir bejn għajnejn żewġha u għajnejn bintha:**

**"Imma kif l-istess għajnejn, intom it-tnejn!" (pġ. 112)**

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità
## ... metaforizzata fil-ħarsa ta’ Rużann

Grupp Deċiżi

**Pietru jkompli jwettaq il-ħolma tal-emanċipazzjoni li ħolmot biha Rużann. Huwa jagħraf li l-progress tal-poplu Malti jiddependi f’li l-Maltin jagħrfu lilhom infushom (min huma), minn fejn ġejjin (l-għeruq tagħhom), jagħrfu dak li wirtu u jkomplu fejn ħallew dawk ta’ qabilhom billi jibqgħu jibnu fuq it-tajjeb mirut.**

**“Biss – u din inħossha ħafna jien – kollox, l-għan, għandu jintlaħaq aktar malajr jekk ma nwarrbux fil-ġenb il-valuri t-tajba, pożittivi, tat-tradizzjoni u tal-passat. Anzi mhux li m’għandniex inwarrbuhom, imma jmissna nibnu fuqhom – għax huma tal-qiegħ, sehem mill-pedament...” (pġ )**

Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela

# It-tema tal-kontinwità
## … metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

**L-għajnejn ta' Rużann li rajniehom preżenti fix-xebh bejn kulurhom u dawk ta' Marija u Pietru, issa jerġgħu jfiġġu f'għajnejn Ġina, bint Pietru.**

**"Din Ġina kienet bdiet titkellem kmieni f'ħajjitha; u dawk għajnejha wkoll, ftit li xejn kien jaħarbilhom…" (pġ 109)**

**"U (Pietru) ħares f'għajnejn bintu (Ġina), li kienu bħal tiegħu, l-istess lewn, bl-istess ħarsa, bl-istess ħjiel ta' għarfien." (pġ. 113)**

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità
## … metaforizzata fil-ħarsa ta' Rużann

**Fit-tielet kapitlu niltaqgħu wkoll ma' Ġina li ġiet ispirata biex tpinġi waħda mara bl-isem ta' Rużann. Hija kienet tara lil din il-mara meta missierha Pietru, kien jeħodha fuq l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli.**

**Dan jixhed kemm l-ispirtu ta' Rużann kien għad kellu importanza fid-dixxendenti tagħha.**

Grupp Deċiżi

# It-tema tal-kontinwità u l-mixja lejn l-emanċipazzjoni

**Rużann →** bidwija

**Karmenu →** irid li wliedu jkollhom l-edukazzjoni

**Marija →** mhix aktar fix-xogħol tar-raba'; taħdem għall-edukazzjoni ta' wliedha

**Pietru →** Għalliem

**Ġina →** tistudja għal tabiba, b'talent għat-tpinġija (l-għarus tagħha qiegħed jistudja għal inġinier)

Grupp Deċiżi

# L-emanċipazzjoni tal-Maltin

- **Ir-rumanzett nistgħu nqisuh bħala l-mixja tal-poplu Malti.**
- **Hemm paralleliżmu bejn Malta fuq livell personali (Rużann) u Malta fuq livell nazzjonali.**
- **Il-problemi tat-tfal ta' Rużann huma l-problemi ta' Malta.**
- **Għandna bidla sħiħa fil-mentalità li hi prodott tal-bidla fis-soċjetà.**
- **Mark-Antonin li jbigħ l-art – ħaġa li l-antenati tiegħu qatt ma ħolmu.**

Grupp Deċiżi

- **Ružann twelled barra ż-żwieġ – sitwazzjoni tal-biża' għal dak iż-żmien – Ružann trabbi t-tifel waħedha.**

- **Marija li tippretendi li n-nies għandhom jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom: "Imma hawnhekk f'Malta stess, kieku qatt smajtkom tgħidu xi ħaġa, mur obsor għalikom! Xejn, hekk, basta ma jdejjquniex wisq. Intom x'nies Maltin intom?"**

- **Pietru jgħid li l-ħelsien irid jiġi mill-poplu stess: "Il-ħaġa trid tiġi mill-ġewwieni stess tal-poplu, mill-vixxri tiegħu, jew inkella mill-qalb ta' qalbu."**

- **F'post ieħor Pietru jgħid li "l-edukazzjoni trid tkun ħafna aktar miftuħa għal kulħadd."**

Grupp Deċiżi

- **Il-ħidma għall-emanċipazzjoni trid tkun mill-poplu kollu u mhux minn bniedem wieħed.**

- **Fir-rumanz naraw progress kontinwu; Rużann kienet mara bidwija, imma uliedha u ulied uliedha kollha għamlu progress kbir. Ir-rumanz jispiċċa b'Ġina li kienet tpinġi u t-tifla tagħha tistudja għal tabiba.**

- **Il-mixja li għamlet il-familja ta' Rużann, u wara d-dixxendenti tagħha, tissimbolizza l-mixja u l-progress li Ebejer jemmen li għandu jagħmel il-poplu Malti mill-faqar għal ħajja aktar komda.**

- **Fil-kliem ta' Marija jidwu l-ideat ta' Ebejer – it-tagħlim bħala mezz importanti għall-progress.**

GruppDeċiżi

Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela

- **Marija tgħid: "Imma jien skola sura ta' nies irrid għal uliedi, hawn għal Pietru tagħna, għax irridhom jimxu 'l quddiem u mhux joqogħdu jinħlew wara l-Buweri u r-razza u r-radika…imma fuqna l-Maltin stess, ħalli xi darba, jekk Alla jrid, inkunu nies, ħalli b'ħilitna stess ngħixu u naħdmu għal rasna, u la taħt l-Ingliżi u la taħt il-Buweri u lanqas taħt il-Konti ta' Filfla jew ta' Misraħ Suffara."**

- **Ebejer jirreferi għall-Indipendenza bħala pass lejn l-emanċipazzjoni.**

Grupp Deċiżi

# L-emanċipazzjoni tal-mara

- **M'għadniex naraw il-mara li taħdem u ssegwi lir-raġel imma hi dik li ssemma l-ideat tagħha. Marija hija mara b'karattru sod kontra r-raġel tagħha.**

- **Ebejer jidher qed jgħolli lill-mara u jwaqqa' l-karattru tal-irġiel. Dan f'soċjetà fejn kollox kien idur mar-raġel. Fil-ħanut ta' Wenzu l-irġiel jgħidu għal Marija: "u iva, dik mhix mara? Ħalliha tgħid lil dik."**

- **Iż-żmien tar-rumanz kien iż-żmien fejn in-nisa ma kellhomx vot u dak li tgħid hi ma kellu importanza ta' xejn. Is-sagristan jgħidilha lil Marija: "Int x'tifhem? Mela n-nisa jifhmu xi ħaġa?"**

Grupp Beċċizi

- **Kienet Marija li ddeċidiet li lil uliedha riedet tgħallimhom bis-serjetà.**

- **B'kuntrast ma' Wenzu, li kif daħal jorqod beda joħlom, għajnejn Marija u għajnejn Rużann raw "dija ġdida, xemx ġdida". Donnu Ebejer irid jgħid li kienet il-mara li wasslet għall-emanċipazzjoni.**

- **In-nisa fir-rumanz għandhom importanza kbira u huma nisa kbar:**
  **Rużann – trabbi lil binha waħedha**
  **Marija - tieqaf u tiswa iktar minn żewġha**
  **Salvina – għalliema**
  **Ġina – bniedma artistika**
  **Luċija – qed tistudja għal tabiba**
  **Ebejer kollha jagħtihom importanza kbira.**

Grupp Deċiżi

# L-isfond storiku għat-tema tal-indipendenza nazzjonali u għat-tema soċjopolitika

Grupp Deċiżi

- Il-Kummissjoni Rjali fl-1812 tat verdett ikrah meta ġiet iżżur lil pajjiżna: il-Maltin mhumiex kapaċi jmexxu lilhom infushom.

- Żmien l-Ingliżi f'Malta kien iddominat mill-Maltin jippruvaw juru kemm dan il-ġudizzju ma kienx f'postu.

- Is-sekli 19 u 20 kienu mimlija b'waqtiet fejn il-Maltin tqabdu kontra l-barrani – mhux bl-idejn biss iżda bl-argumenti, bl-artikli tagħhom fl-istampa, b'diskorsi kemm fil-miftuħ u anke fil-magħluq.

- **Il-Maltin talbu sehem fit-tmexxija ta' arthom. Talbu l-jedd li jkunu huma li jagħżlu d-destin ta' pajjiżhom.Talbu l-awtonomija. Talbu l-indipendenza. Talbu li jkunu huma stess is-sidien ta' pajjiżhom.**

- **Malta x'kienet tfisser għall-Ingliżi?  Xejn aktar u xejn inqas minn fortizza!**

- **Riżorsi ma kienx hawn – kien hawn biss faqar u illitteriżmu IMMA l-gżira, ġeografikament, kienet f'pożizzjoni strateġika mill-aqwa.**



Grupp Deċiżi

- **L-Ingliżi, għalhekk raw li mal-Knisja, fost l-oħrajn, iridu jġibu ruħhom sew. Ma ridux jitilfu fortizza!**

- **L-iskop ewlieni tal-Ingliżi kien li jżommu poplu kuntent biex b'hekk huma ma jkollhom qatt għalfejn jitilqu minn xtutna. X'għamlu? Ħafna Maltin ġew impjegati mit-Tarzna; żammew relazzjoni tajba mal-Knisja.**

- **Sa ċertu punt, il-Malti b'mod ġenerali kellu fiduċja fihom, rari qam kontrihom.**

- **Għal sekli sħaħ, ħadd ma kien jimmaġina lil Malta mingħajr l-Ingliżi!**

Grupp Deċiżi

# L-Indipendenza Nazzjonali

- Il-karattru nazzjonali tal-poplu Malti fil-ġejjieni hu rrappreżentat minn Karmenu, iben Rużann. Minn Rużann jitnissel poplu li jrid jemanċipa lilu nnifsu.

- Marija: turi x-xewqa tal-indipendenza ta' poplu sħiħ. Hi lesta teduka lil binha Pietru u b'hekk qed twitti t-triq għal "dija ġdida, xemx ġdida, qisha bħal dik ta' fuq l-irdum meta jisbaħ xi jum minn dawk li taf tagħmel Malta."

- Il-ġlieda li nqalgħet fil-ħanut tal-inbid dwar l-inkwiet bejn l-Ingliżi u l-Buweri kienet dwar sitwazzjoni li kienet qiegħda taljena lill-poplu Malti meta dan suppost kien qed jinkwieta dwar il-fatt li hu kien għadu maħkum mill-barrani.

Grupp Deċiżi

- **L-ispirtu ta' Rużann qed jidher fl-ispirtu ta' Marija – toħlom bl-emanċipazzjoni tal-poplu Malti – twelid ta' sens ta' nazzjonaliżmu.**

- **Marija tara l-edukazzjoni bħala bżonn u siwi kbir. Jekk il-Malti jeduka ruħu jakkwista l-identità individwali; din twassal għall-kisba tal-identità nazzjonali.**

- **L-edukazzjoni hi meqjusa bħala l-aqwa arma kontra l-injoranza u kontra dawk li jaħkmuna.**

- **Marija għaddiet l-ideat progressivi tagħha lil Pietru li mbagħad kompla t-tradizzjoni progressiva hu wkoll.**

Grupp Deċiżi

# It-tema soċjopolitika

- **Fil-ġrajja ta' Pietru, l-awtur juri t-taqlib li kien qed iseħħ f' Malta u anke barra minn xtutna fil-bidu tas-seklu għoxrin.**
- **L-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918) – permezz tal-Gwerra nħolqu diversi impjiegi – il-gwerra spiss kienet tfisser "ġid" għall-Maltin.**
- **Wara l-Gwerra, iżda, ħafna Maltin tilfu xogħolhom u għolew il-prezzijiet tal-affarijiet bażiċi bħall-ħobż.**
- **Minħabba f'hekk saru diversi protesti li laħqu l-qofol tagħhom bl-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju tal-1919.**

Grupp Deċiżi

- **Ta' min isemmi wkoll kif tidħol l-edukazzjoni f'din it-tema.**

- **Pietru – juri interess kbir fl-edukazzjoni.**
  **Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija bdiet tqum kuxjenza dwar l-edukazzjoni obbligatorja għat-tfal kollha.**
  **Pietru – jemmen li jekk il-Maltin ikollhom it-tagħlim xieraq, ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja soċjali.**

- **L-iskola primarja saret obbligatorja fl-1946 u dik sekondarja fl-1970.**

Grupp Deċiżi

- **Għal Ebejer, l-edukazzjoni hi dritt u hi mezz biex il-poplu jsir iktar konxju tad-drittijiet tiegħu.**
- **B'hekk ma jibqax jaċċetta kollox – lanqas ħakkiema barranin.**
- **L-edukazzjoni kellu jkollha wkoll effetti soċjopolitiċi.**
- **Fi żmien din il-ġrajja, il-poplu kien imċaħħad minn edukazzjoni mingħajr ħlas – din is-sitwazzjoni baqgħet f'Malta sa nofs is-seklu għoxrin.**
- **Il-bdiewa ma kellhomx ħeġġa jedukaw lil uliedhom.**

Grupp Deċiżi

- **Karmenu, madankollu, ħabrek biex uliedu jitgħallmu l-iskola.**
- **Il-Baruni ma ħax pjaċir. Forsi ħaseb li b'hekk se jonqoslu l-kontroll?**
- **Naraw lil Marija aktar matura minn żewġha, taf x'inhuma l-prijoritajiet tal-familja. Tgħid lil żewġha biex ma jonfqux flus fil-passatempi imma għall-edukazzjoni ta' wliedhom.**

Grupp Deċiżi

# L-Edukazzjoni

- **Ebejer jara l-edukazzjoni bħala dritt u għalih hija mezz biex il-poplu jiġi aktar konxju tad-drittijiet u għalhekk ma jibqax jaċċetta kollox, lanqas ħakkiem barrani li jiddettalu ħajtu. Għalhekk l-edukazzjoni kellu jkollha wkoll effetti soċjopolitiċi.**

- **Fiż-żmien li kienet qiegħda sseħħ il-ġrajja, il-poplu kien imċaħħad minn edukazzjoni mingħajr ħlas - sitwazzjoni li baqgħet f'Malta sa nofs is-seklu għoxrin. *"L-iskola għal min jista' biss qiegħda hemm"* (Ġannikola)**

Grupp Deċiżi



Phyllis Debono – Bertram Portelli – Maria Abela

- **Il-bdiewa ma tantx kien ikollhom ħeġġa li jedukaw lil uliedhom. Minbarra l-fatt li fil-maġġoranza tal-każi, il-bdiewa ma kinux jifilħu jħallsu għall-edukazzjoni ta' wliedhom, kienu jippreferu li wliedhom jgħinuhom fix-xogħol iebes tar-raba'.**

- **Marija, bint Karmenu, trid tagħti l-aħjar edukazzjoni lil binha Pietru. Temmen li bl-edukazzjoni, l-individwu jasal biex jagħraf l-identità individwali u anki nazzjonali tiegħu u għalhekk ikun daqs il-ħakkiem, bid-dritt li ma jkollu lil ħadd jgħidlu x'għandu jagħmel u ma jagħmilx.**



Grupp Deċiżi

- Marija hija aktar matura minn żewġha u taf x'inhuma l-prijoritajiet għall-familja tagħha. Lesta tagħmel minn kollox għalihom. Lil żewġha qaltlu biex ma jaħlux flushom fuq il-passatempi, imma fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom: ***"U minn għada 'l quddiem beħsiebni ndaħħal din il-pala t'idi fil-moħba tagħna li ġmielek tgeddes fiha biex tixtri dak l-imbierek ta' żiemel ta' Lonz... U l-flus irrid nonfoqhom biex liż-żgħar tagħna, bħal dan Pietru hawn, nibagħtuhom l-iskola, fhimt?"***



Grupp Deċiżi

- **Pietru huwa persuna li wasal biex wettaq il-ħolma ta' nannuh Karmenu u ta' ommu Marija – dik li jistudja, ikollu professjoni u jitlaq ix-xogħol iebes tal-għelieqi. Pietru kien iħobb il-kotba u l-istudju u ta' erbatax-il sena, meta missieru kien bagħtu biex joqgħod għassa mas-siġar li kellhom fl-art tal-Buskett, Pietru beda jaħseb dwar l-istudju li kellu jwaqqaf għal ftit biex ikun jista' jaqdi lil missieru.**

- **Id-diskors ta' Pietru ma' martu Salvina dwar il-qagħda soċjopolitika Maltija ta' żmienu, tixhed li Pietru kien mgħarraf sew dwar l-aħħar żviluppi fil-filosofija u fil-politika, anki dik internazzjonali.**



Grupp Deċiżi

# L-element grottesk

- **Friġġieri O.,**

- **"…it-tkissir tar-regoli tal-qies, tal-proporzjon, tal-armonija u ta' dawk il-liġijiet kollha li jagħtu ordni lin-natura u lid-dehra tagħha. Il-grottesk, bħala stil ta' kitba, jinqeda b'elementi tematiċi u lingwistiċi li jroddu dehra stramba, biżarra, waħxija, xejn naturali u loġika tal-affarijiet… biex (il-kittieb) jippreżenta xenarju paradossali, imlewwen, assurd minn barra, u mimli tifsir negattiv fil-qofol tiegħu. L-għan huwa aktarx satiriku u niggieżi. Il-karikatura għandha sehem kbir fl-istrateġija viżiva tal-kittieb u sikwit kollox jinżamm fuq ix-xifer bejn kulma jgħaġġeb u jdejjaq, fuq naħa, u kulma jdaħħaq u jbaxxi, fuq in-naħa l-oħra…"**




Grupp Deċiżi

# L-element grottesk

**Żewġ ġrajjiet ewlenin:**

**(1) Il-ġlieda fil-ħanut tal-inbid ta' Wenzu: l-irġiel jidhru nies li ma jafux x'qed jgħidu, x'qed jagħmlu u l-bqija. Ħin minnhom Marija twaddab 'il barra mill-ħanut lis-sagristan b'mod vjolenti.**

**(2) Waqt l-analessi, l-awtur jurina li meta Wenzu kien imur jiltaqa' ma' Marija fil-palaz z tal-Baruni de los Ingallos, : "Min jaf kemm-il darba l-ħmar telaq mingħajru, bil-karettun u b'kollox, u dan kollu għax Wenzu dak il-ħin kien mitluf joħlom b'Marija, hemm fuq l-għatba tal-Baruni…"**




Grupp Deċiżi

# IL-ĦARSA TA' RUŻANN

FRANCIS EBEJER



## KAPITLI 2 u 3

**Imħejjija minn Phyllis Debono,**
**Bertram Portelli u Maria Abela**